MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Numru. 1370/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**
**[Spettur Priscilla Caruana]**

**vs**

**Etienne Micallef**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Etienne Micallef u detentur tal-karta tal-identita` numru 123575(M).

Akkuzat talli;

B'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Nhar l-1 ta' Ottubru 2011 ghall-habta ta' bejn l-12:45 u 14:00hrs, minn gewwa r-residenza bl-isem ta' Ave Maria, Triq il-Kastellan, Zejtun, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom gojjelerija u credit cards liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-mezz u ghad-detriment ta' Carmelo u Carmela Tonna u/jew persuna/i ohra;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioè ghamlu hsara fit-tieqa tal-imsemmija residenza, liema hsarat huma ta' anqas minn 116.47 Euros (hamsin lira Maltija) ghad-dannu ta' Carmelo u Carmela Tonna u/jew persuna/i ohra;

3. Nhar it-13 ta' Settembru 2011 ghall-habta ta' bejn l-08:00u 13:00hrs, minn gewwa r-residenza bl-isem ta' Charnie, Triq l-Iskultura Rabat (Malta), ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom gojjelerija u credit cards liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€ 232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Carmelo u Anna Maria Micallef u/jew persuna/i ohra;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioè ghamel hsara fit-tieqa tal-imsemmija residenza, liema hsarat huma ta' anqas minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu ta' Carmelo u Carmela Tonna u/jew persuna/i ohra;

5. Matul ix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2011 xjentament f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, li l-valur taghhom jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentament b'kull mod li jkun indahal biex biegh jew mexxa dawn l-oggetti;

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ezami tal-imputat fejn wiegeb li huwa hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma tal-istess wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 261, 389 u 334 tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat Etienne Micallef hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih , hlief l-akkuza numru hamsa li hija alternattiva ghall-ohrajn u tikkundannah sentejn (2) prigunerija.
Inoltre, tirrakkomanda li f'dan it-terminu l-imputat ghandu jinghata l-fakulta` li jghaddi programm ghar-rijabilitazzjoni kontra d-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------